// LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

SETT. u OTT. 1936 ] IS-SITT SENA [ Għadd 67 u 68

# IL-MALTI FIL-KULLEĠĠI

Meta l-Malti daħal fl-eżami tal-Matrikola, stennejna li jidħol ukoll fl-iskejjel u kulleġġi kollha li jhejju ż-żgħa-żagħ għall-eżami tal-Matrikola. U ma stennejniex ħaġa barra minn lokha għax eżamijiet u tagħlim jimxu id f'id. Iżda s'issa, sa fejn nafu aħna, l-Malti għadu daħal biss fil-*Lyceum* u, għalkemm inqas, fi *Flores College.* Imkien aktar. U la f'*St. Aloysius' College*, u la fis-Seminarijiet ta' Malta u ta' Għawdex, u la f'*St. Paul's School*, u l-anqas f'*St. Edward's College.* Jiġifieri, żagħżugħ li jkun jitgħallem f'wieħed minn dawn il-Kulleġġi, ikun jaħtieġlu fil-btajjel tas-sajf jitgħabba bit-tagħlim tal-Malti u jgħabbi 'l missieru bl-ispejjes barranin tat-tagħlim u tal-eżami, jekk irid jidħol mill-bieb tal-Università. U mhux għall-Università biss hu meħtieġ il-Malti. Illum l-ebda impjeg mal-Gvern ma tista' tilħaq mingħajr eżami tal-Malti, u mill-Kulleġġi li semmejna, barra mis-Seminarijiet, ħafna żgħażagħ jersqu għall-eżami taċ-Ċivil, li jibqgħu minn barra jekk ma jkollhomx tagħlim barrani tal-Malti. U dan kollu għax il-Kulleġġ fejn ikun qiegħed jitgħallem u jithejja għall-Matrikola ma jagħtihx it-tagħlim kollu u t-thejjija kollha li huma meħteġin.

Dan huwa tfixkil li nixtequh jitneħħa. Xinhu jżommhom ir-Retturi tal-Kulleġġi biex ma jdaħħlux it-tagħlim tal-Malti? Ma naħsbux li d-dell iswed u waħxi, li xi mħuħ morda kienu jaraw fit-thewdin tagħhom jinfirex wara l-Malti, għadu llum ibeżża' 'l xi ħadd. Illum il-Malti, mirfud bis-saħħa setgħana aqwa minn tagħna, maħruġ barra mit-twegħir ta' fehmiet, 'għola 'l fuq, 'il fuq u qiegħed jitfa' madwaru dija li ma tħalli l-ebda dell.

Jekk igħidu li ma jsibux min igħallem, ikunu jagħmlu għajb lil ħafna żgħażagħ, imħarrġin tajjeb fit-tagħlim tal-Malti, li jistgħu bil-ħeffa jhejju t-tfal għal kull eżami tal-Malti. Anqas ma hu n-nuqqas ta' ħin li qiegħed ifixkilhom, għax sagħtejn, mill-anqas, fil-ġimgħa u la jfixklu t-tagħlim u l-anqas iħawwdu t-taqsim tal-ħinijiet fil-Kulleġġi.

Nixtieqy li 'r-Retturi tal-Kulleġġi jaħsbuha sewwa dil-biċċa. Hemm il-ġid taż-żgħażagħ fin-nofs, li jitgħallmu għall-ħajja, biex jieħdu professjoni jew jilħqu impjieg u jkunu jistgħu jgħixu u jgħajjxu. Hemm il-ġieh tal-Kulleġġ fin-nofs, li ma jistâx jiftaħar, għax it-tagħlim li jagħti hu nieqes. Ħa jżidu, jekk jidhrilhom, it-tagħlim, ta' suġġetti oħra; ħa jgħallmu, jekk iridu, suġġett aktar minn ieħor, imma ma jċaħħdu qatt it-tfal mit-tagħlim li jaħtieġilhom,

Settembru 1936.